# il-Ħuttafa

Numru **180** Jannar - Frar 2024



**Orkida piramidali ta' Malta**

BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf


Aron Tanti

Roqgħa sabiħa ta' suffejra *(marigold)*, pjanta li dix-xitwa kibret ħafna fil-

# Ħbieb Ħuttaf...

mill-editur

B'din il-ħarġa tal-magażin favorit tagħna, Il-**Ħuttafa tagħlaq 30 sena**!

Għadni niftakar meta ħriġna l-ewwel waħda fl-1994. Dak iż-żmien *Il-Ħuttafa* ma kinitx bil-kulur u kien fiha biss 8 paġni. Lanqas staples ma kellha!

Dak iż-żmien l-Internet kien għadu fil-bidu net u ftit f'Malta kienu semgħu bih. Għalhekk l-attivitajiet tal-Klabb konna nħabbruhom kollha f'*Il-Ħuttafa* bid-dettalji ta' meta u fejn konna nkunu se niltaqgħu. Illum dawn issibhom kollha onlajn.

Fiż-żmien li bdiet toħroġ *Il-Ħuttafa*, BirdLife Malta kien għadu jisimha The Malta Ornithological Society (MOS fil-qosor). L-għasfur fil-logo tagħna kien il-merill. Imma l-klabb tagħna kien diġà jismu Klabb Ħuttaf, u l-logo kien kważi l-istess li għadna nużaw illum!

Fiż-żmien li bdejna *Il-Ħuttafa*, il-BirdLife kienet diġà tieħu ħsieb ir-riserva naturali tal-Għadira, imma s-Simar konna għadna qed noħolquh – lanqas il-ħajds ma konna għadna bnejna. Sadattant is-Salina kien għadu post mitluq, imkisser u mgħarraq. U Foresta 2000 konna għadna lanqas ħlomna biha!

Fiż-żmien li bdejna *Il-Ħuttafa*, in-nies li flimkien miegħi konna mmexxu l-Klabb kienu **Robert Borg**, **Audrey Chetcuti**, **Joseph Dunlop**, **Desirée Falzon**, **Graziella Fenech** u **Anne Marie Scicluna**. Qed insemmihom b'isimhom għax nixtieq ngħidilhom grazzi kbira tal-għajnuna tagħhom.

Sadattant nawguraw *Il-Ħuttafa* 30 sena oħra ta' suċċess!

**Victor Falzon**
L-Editur


IL-Huttafa
POBox 498 Valletta CMR 01
Numru 1 — Marzu April 1994
Harġa ġdida ta' *kull xahrejn* għall-membri MOS ta' taħt l-erbatax-il sena.
Mis-Simar...
Dan il-magazin stampat fuq karta riċiklata
Russett Griż
IL-Magażin tal-KLABB HUTTAF




## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| X'għandna mid-dinja? | 3 |
| Għaliex? | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Pangaea | 5 |
| Creatures from the Deep | 6 |
| Niltaqgħu mal-orkidi | 7 |
| Il-Palettuna | 8–9 |
| L-Istaġun tal-Kuluri | 10 |
| Agħti l-kulur | 11 |
| Photo Gallery | 11 |
| My teachers the birds! | 12 |
| X'nambuhom l-insetti? | 13 |
| Pollinators | 14 |
| il-Ġurat | 15 |
| Għar Dalam | 16 |


## Kitbu

Thais Amaral u Charlie Matthews (National Aquarium), Desirée Falzon, Victor Falzon, Nicholas Galea

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Kuntatti


tel **21347645**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, February 2024
Design and production Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

## FUQ QUDDIEM


Ritratt ta' Victor Falzon

### Orkida Piramidali ta' Malta

Maltese Pyramidal Orchid *Anacamptis urvilleana*

L-orkida piramidali ta' Malta hija waħda minn xi 40 speċi ta' orkidi li jikbru f'pajjiżna. Hija pjanta prezzjuża u għażiża mhux biss għax sabiħa, imma għax hija wkoll skarsa u fuq kollox endemika (tikber Malta biss). Tikber fix-xagħri qalb il-blat u tiftaħ il-fjuri għal Marzu u April.

Hemm iktar orkidi f'paġna 7



# Rekord assolut!

Kif nagħmlu kull sena f'Jannar, dis-sena wkoll għamilna r-*roost count* taz-zakak abjad.

*Roost* huwa l-post fejn jorqdu l-għasafar. Hemm għasafar li jorqdu weħidhom, u hemm oħrajn li jfittxu l-kumpanija. Fost dawn tal-aħħar hemm iz-zakak abjad *(white wagtail)*. *Roost* taz-zakak abjad spiss tkun tgħodd l-eluf! L-ikbar *roost* taz-zakak abjad f'Malta qiegħda l-Belt Valletta!

Fit-13 Jannar waranofsinhar inġabru grupp nies tal-BirdLife, tqassmu mas-swar tal-Belt, tefgħu ħarsithom lejn is-sema u ma' nżul ix-xemx bdew jgħoddu z-zizka jittajru lejn il-Belt għall-irqad. F'temp ta' siegħa z-zizka daħlu kollha, u meta spiċċa kollox, il-voluntiera ltaqgħu mill-ġdid u qabblu n-noti. It-total kien ta' 16,171 zakak. Dan in-numru kiser ir-rekord tal-2019, li kien 14,475.

Tgħid għaliex kien daqshekk għoli n-numru? Forsi meta nqered ir-*roost* ta-Mosta (ara *Il-Ħuttafa* 179), iz-zizka li kienu jorqdu hemm marru wkoll jorqdu l-Belt. Jew forsi dix-xitwa ġew iktar zizka Malta mis-snin ta' qabel.

Dir-riċerka l-BirdLife ilha tagħmilha kull sena mill-1986.



Jekk għadek m'intix membru u tixtieq tattendi avventuri bħal dawn...
**idħol fi Klabb Ħuttaf!**



# Pjanta ġdida

F'pajjiżna jgħixu pjanti li ssibhom mal-Ewropa kollha, imma mbagħad hemm pjanti li ma ssibhom imkien ħlief f'artna. Dawn jgħidulhom speċi endemiċi u għandna minnhom mhux ħażin. U kultant l-istudjużi jsibu xi waħda ġdida... kif ġara ftit ilu meta sabu tip ta' **limonju (sea lavender)** f'post fin-naħa ta' fuq ta' Malta (għalissa ma nistgħux inxandru fejn). Din il-pjanta tikber baxxa fil-blat max-xatt u tagħmel fjuri żgħar vjola ċar. Fil-post fejn instabet mhix mifruxa ħafna, jiġifieri fid-dinja kollha teżisti biss din il-popolazzjoni żgħira ta' ftit mijiet. Bil-Malti ngħatat l-isem **limonju żgħir** u l-isem xjentifiku tagħha huwa ***Limonium lanfrancoi*** għax issemmiet għall-ħabib tagħna l-[1]botaniku Edwin Lanfranco.

## Rix Rari

Aron Tanti




Kif juri ismu, iż-**żiemel tal-Alpi** jgħix fil-muntanji f'ħabitat bil-blat. Huwa aktarx sendentarju, jiġifieri ma tantx ipassi. Għalhekk biex tara wieħed Malta trid vera tkun xortik tajba. Mhux biss, imma ż-żiemel tal-Alpi huwa għasfur żgħir u jekk ma jiċċaqlaqx diffiċli tinduna bih qalb il-blat. Madankollu f'Jannar intlemaħ wieħed fl-inħawi tal-majjistral ta' Malta. Yayy!

## X'għandna mid-dinja?






Fost diversi speċi ta' *golden moles* li jgħixu l-**Afrika t'Isfel** hemm speċi jisimha l-*Winton's golden mole*. Din l-ispeċi kienet ilha ma tidher mill-1937 u għalhekk kienet meqjusa 'speċi mitlufa', jiġifieri aktarx estinta. Imma tim ta' xjenzati għamlu tfittxija bir-reqqa fl-[2]għaram tar-ramel fejn din il-mole kienet intlemħet l-aħħar. Ittestjaw ħafna ramel għad-DNA, użaw *thermal imaging* biex ifittxu l-ħofor tagħha... u anke użaw kelb b'sens tax-xamm eċċellenti! Bis-saħħa ta' dawn l-isforzi rnexxielhom isibu mill-ġdid dan l-annimal żgħir u simpatiku. Issa jridu jaċċertaw li l-inħawi fejn tgħix jiġu mħarsin bil-liġi. Prosit!

[1]**botaniku.** Xi ħadd li jistudja l-pjanti (bl-Ingliż *botanist*)
[2]**għaram tar-ramel.** Munzelli naturali tar-ramel (bl-Ingliż *sand dunes*)

Desirée Falzon

# 7 Għaliex l-annimal jorqdu bil-lejl?



Aron Tanti

**L-affarijiet ħajjin kollha għandhom bżonn jistrieħu. Jekk ma nistriħux, iċ-ċelloli tagħna jegħjew il-ħin kollu għaddejin u ma ngħixux ħafna. Aħna norqdu kuljum u bħalna l-biċċa l-kbira tal-annimali u l-pjanti. Imma għaliex dan isir bil-lejl?**

## Katina tal-ikel

Il-ħin li norqdu għandu x'jaqsam ħafna max-xemx. Kif tafu, il-katina tal-ikel trid ix-xemx biex taħdem. Il-pjanti jridu d-dawl tax-xemx biex ikabbru weraq ġdid, eċċ. Il-pjanti mbagħad jittieklu mill-[1]erbivori, u l-erbivori jikluhom il-[2]karnivori. Il-katina tal-ikel timxi mal-pjanti, allura meta l-pjanti "jorqdu", kulħadd jorqod.

## Wasal il-lejl

Allura kif jindunaw il-pjanti li wasal il-lejl? Il-pjanti għandhom ċelloli speċjali jgħidulhom *photoreceptors* li jindunaw jekk id-dawl tax-xemx ikunx batut jew qawwi, għalhekk ikunu jafu meta wasal biex jidlam. Bil-lejl il-fjuri ma jagħmlux nektar jew polin ġdid, allura ma jkunx hemm ikel għal ħafna insetti. Barra minn hekk, l-insetti li jfittxu l-fjuri ma jarawx fid-dlam. Għalhekk ħafna insetti jorqdu bil-lejl ukoll. U l-istess il-predaturi tagħhom.



Kathleen Psaila Galea

L-insetti u l-predaturi tagħhom kif ikunu jafu li wasal ħin il-mistrieħ? L-annimali kollha għandhom xi ħaġa simili għall-pjanti. Il-moħħ tal-[3]vertebrati jipproduċi kimika jgħidulha melatonina, li meta l-ġisem iħossha jinduna li wasal ħin l-irqad. Għalhekk fid-dlam jaqbadna n-ngħas! L-insetti wkoll għandhom organu f'ġisimhom li jwassal l-istess messaġġ.



Il-fjuri tal-ingliża jagħlqu filgħaxija!
Desirée Falzon

## Attivi bil-lejl

Imma hemm annimali li jqumu bil-lejl, bħall-friefet il-lejl, il-qanfud u l-baħrijiet. Hemm anke fjuri li jiftħu bil-lejl! Kif? Dawn, meta s-sensi tagħhom jgħidulhom li qed jidlam, jagħmlu l-kontra tal-affarjiet ħajjin l-oħra. Dawn evolvew biex ikunu attivi fid-dlam, biex b'hekk jevitaw il-kompetizzjoni għall-ikel li jkun hemm binhar. Minħabba li ħafna inqas annimali jkunu mqajmin bil-lejl, ikollhom iktar ċans li jsibu ikel.

Fuq miljuni ta' snin il-ħlejjaq tal-lejl adattaw għal xulxin. Pereżempju l-baħrijiet evolvew ilsien twil ħafna biex jixorbu minn fjuri li evolvew forma ta' tubu twil! Meta dawn il-baħrijiet iżuru l-fjuri li jiftħu bil-lejl jiffrankaw il-kompetizzjoni mill-geġwiġija insetti oħrajn li jżuru l-fjuri ta' binhar. Il-fjuri ta' bil-lejl ukoll jiffrankaw il-kompetizzjoni għad-dakkara mill-ħafna fjuri li jiftħu binhar.

Il-friefet il-lejl evolvew sens ta' smigħ tal-għaġeb biex jisimgħu baħrija ttir u jaqbduha. B'hekk jiffrankaw il-kompetizzjoni mill-predaturi oħrajn li jieklu l-insetti l-oħra li jkunu mqajmin binhar.

Aħna l-bnedmin evolvejna mil-linja tax-xadini, li bħalna jorqdu bil-lejl. Anke jekk inkunu f'kamra fid-dlam għal tul ta' ħin jaqbadna n-ngħas, għax ġisimna jibda jagħmel il-melatonina li jibda jgħidilna "good night"!

[1]**erbivori**. Annimali li jieklu materjal mill-pjanti
[2]**karnivori**. Annimali li jieklu annimali oħrajn
[3]**vertebrati**. Annimali li għandhom sinsla tad-dahar

# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru ftit **iktar minn 400 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha! Dawn huma **Numri 111 sa 120**...

111 

Isem Malti
**Venewwa**
Isem Ingliż
**Northern Lapwing**
Isem xjentifiku
*Vanellus vanellus*

112 

Isem Malti
**Venewwa tal-Ixpruni**
Isem Ingliż
**Spur-winged Lapwing**
Isem xjentifiku
*Vanellus spinosus*

113 

Isem Malti
**Venewwa tal-Qtajja'**
Isem Ingliż
**Sociable Lapwing**
Isem xjentifiku
*Vanellus gregarius*

114 

Isem Malti
**Venewwa Denbha Abjad**
Isem Ingliż
**White-tailed Lapwing**
Isem xjentifiku
*Vanellus leucurus*

115 

Isem Malti
**Pluverott ta' Denbu**
Isem Ingliż
**Upland Sandpiper**
Isem xjentifiku
*Bartramia longicauda*

116 

Isem Malti
**Gurlin Sekond**
Isem Ingliż
**Whimbrel**
Isem xjentifiku
*Numenius phaeopus*

117 

Isem Malti
**Gurlin Żgħir**
Isem Ingliż
**Slender-billed Curlew**
Isem xjentifiku
*Numenius tenuirostris*

118 

Isem Malti
**Gurlin**
Isem Ingliż
**Eurasian Curlew**
Isem xjentifiku
*Numenius arquata*

119 

Isem Malti
**Girwiel Nordiku**
Isem Ingliż
**Bar-tailed Godwit**
Isem xjentifiku
*Limosa lapponica*

120 

Isem Malti
**Girwiel Prim**
Isem Ingliż
**Black-tailed Godwit**
Isem xjentifiku
*Limosa limosa*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

*Aron Tanti




# Pangaea




Meta nħarsu lejn mappa tad-dinja naraw diversi kontinenti qishom gżejjer kbar imdawrin bil-baħar, bħall-Awstralja, l-Antartika, L-Amerka ta' Fuq, l-Amerka t'Isfel u anke l-Afrika. Imma dawn mhux dejjem kienu hekk. Mijuni ta' snin ilu l-kontinenti kien kollha mwaħħlin flimkien f'ċappa art waħda enormi, superkontinent wieħed. Ix-xjenzati jsejħulu Pangaea, li tfisser "id-dinja kollha".

Dan ifisser li l-annimali ta' dak iż-żmien ma kellhomx problema biex jinfirxu mad-dinja kollha għax ma kellhomx bżonn jaqsmu baħar. Setgħu jinfirxu bil-mixi! Għall-pjanti wkoll kien faċli biex iż-żerriegħa tagħhom tinfirex minn tarf sa tarf tal-art.

Meta Pangaea bdiet tinqasam u tinfired f'kontinenti, l-annimali u l-pjanti li nqabdu fuq kull kontinent ma setgħux jitħalltu iktar, u għalhekk bdew jevolvu differenti minn xulxin. Għalhekk illum għandna tant varjetà ta' ħajja!

# CREATURES FROM THE DEEP



MALTA NATIONAL AQUARIUM

**We normally think about marine animals that live in shallow, warm and sunlit waters, but... who are some of the creatures that live in the deep sea?**

Ocean waters under 200m deep are considered as the deep sea. It is very dark and cold in there, but did you know that some corals can still thrive in such habitats? Unlike tropical corals, deep sea corals do not have algae inside their body and instead feed on small animals that live in the water column.








Despite their monstrous name, vampire squids are small creatures that grow up to only about 15 cm - and, well, they do not drink blood! Instead, they do something ever cooler which is shooting glowing slime at their predators, rather than ink. How cool is that!

When taken in proportion to body size, the fangtooth has the largest teeth of any fish in the ocean!
PS: imagine his bill at the dentist...





This is a chimera - a very ancient fish closely related to sharks, rays and skates.




## THE DEEP SEA IS IN DANGER!



There are many unknown deep sea species! And even though the deep sea is far from humans, it still suffers threats such as overfishing, pollution and, more recently, deep sea mining! This is the process of collecting minerals from the deep seabed, and some countries want to allow it. Mining could kill fragile ecosystems that took millennia to grow and decimate species we don't even know yet. Let's not allow this to happen!

**STOP DEEP SEA MINING. PROTECT THE DEEP SEA!**


Victor Falzon

Endemika!

**brimba sewda**
Maltese spider orchid


Desirée Falzon

**orkida ħamra**
fan-lipped orchid


Desirée Falzon

**dubbiena**
brown orchid

# Niltaqgħu mal-Orkidi

Ħafna orkidi jiftħu l-fjuri daż-żmien tas-sena!



Familja ta' fjuri sbieħ u speċjali, uħud komuni, uħud rarissmi, u wħud endemiċi għal pajjiżna. F'Malta għandna xi 40 speċi ta' orkidi, dawn disgħa minnhom.


Victor Falzon

**orkida piramidali**
pyramidal orchid


Victor Falzon

Endemika!

**orkida piramidali ta' Malta**
Maltese pyramidal orchid


Victor Falzon

**naħla**
bumblebee orchid


Alex Casha

**żunżana**
yellow orchid


Alex Casha

**dubbiena kaħla**
mirror orchid


Aron Tanti

**orkida tfuħ**
scented bug orchid

# Palettuna

Northern Shoveler *Spatula clypeata*



Ritratt ta’ Aron Tanti meħud fir-riserva naturali tal-Għadira

# Poster Il-Ħuttafa



BirdLife
MALTA

Kemm huma sbieħ il-kuluri!

Kif aħna tfal? Tafu liema hu l-istaġun favorit tiegħi? Ir-Rebbiegħa. U tafu għalfejn? Għax jien jogħġbuni ħafna l-kuluri. Kieku nista' ngħix ġewwa qawsalla ngħix, imma kif tafu l-qawsalli mqarbin u jisparixxu wara ftit.

Kemm nieħu gost intir min-naħa s'oħra ta' Malta fir-Rebbiegħa. U ġieli nitla' s'Għawdex ukoll. Għalkemm ngħidilkom il-verità naqra battikata speċjalment jekk ikun daqsxejn riħ. Jien żewġ ġwinħajn żgħar għandi – ma nistax nitla' fuq il-vapur bħalkom ... għalkemm ġieli ppruvajt intir għal fuqu u jwassalni hu. Xħin nara s-siġar jerġgħu jieħdu l-ħajja u l-fjuri jerġgħu jinfetħu nħossni qisni qed intir f'xi pittura. Sfortunatament aktar ma jgħaddi żmien aktar qed tikrieh dil-pittura. Qed issir aktar griża u l-kulur qed nitilfuh. Imma smajt xi ħaġa ...

Mid-dehra l-Bank of Valletta għadhom kif ħarġu b'inizjattiva ġdida. U ma taqtgħux x'semmewha! Rebbiegħa! L-istaġun favorit tiegħi. Sħabi l-għasafar qaluli li permezz ta' dan il-proġett il-BOV qed isejjaħ lill-NGOs Maltin u Għawdxin li jaħdmu fil-qasam tal-ambjent biex jissuġġerixxu proġetti li se jsebbħu l-ambjent ta' madwarna u jekk ikunu tajbin biżżejjed ħa jgħinuhom bil-flus. X'gost!



Se jkollna aktar postijiet ħodor għalina l-għasafar u ovvjament anke għalikom it-tfal. Jekk tafu b'xi NGO li taħdem favur l-ambjent fejn toqogħdu intom għidulha b'din l-inizjattiva. Ejja tfal ħalli flimkien inkomplu nsebbħu lil Malta u Għawdex tagħna!

*Petitu*

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV
Bank of Valletta

# Agħti kulur!





Victor Falzon

## il-fjamma sewda

Għasfur simpatiku li narawh l-iktar fix-xhur xitwin. Iħobb postijiet bil-ġebel, anke bini u djar. Spiss ipoġġi fuq ċnut, wajers tad-dawl jew ħbula tal-inxir! Jiekol insetti u dud, imma jekk għandek bird table fil-ġnien ma jaħsibhiex darbtejn biex jinżel jara x'hemm fil-menu! Jismu fjamma għax denbu ħamrani lewn is-sadid.

### Għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf?

- Tixtieq tidħol fil-Klabb?
- Tixtieq iġġedded?
- Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!

### Tixtieq tagħti donazzjoni lil BirdLife Malta?

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex tmexxi l-attivitajiet u biex taħdem għan-natura.

Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!

## Photo Gallery



**Spallut Irrigat**
Francesco Catania 10



Nicholas Galea

# My teachers the birds!

## Part 2


zitting cisticola
Victor Falzon


Andean condor

### Their location

Another way of naming a bird is by using locations. Many birds are restricted to a country, a region or a continent and this is often used in bird names.

Two common birds in Malta are the **Spanish sparrow** and the **Sardinian warbler** for example, both named after Mediterranean locations. Lots of birds that we normally call by their family name, like the bee-eater and the roller, are actually named **European bee-eater** and **European roller** because there are many other species in their families in other regions or continents. Don't be fooled by the name **bird-of-paradise**: these birds don't live in paradise, although I do hope to continue birding in my afterlife!

### Their habitat

Another handy way of naming birds is by describing the habitat they prefer. We have many desert birds such as **desert sparrow**, **desert wheatear** and **desert finch**, and many mountain birds such as **alpine accentor**, **Himalayan monal** and **Andean condor** – all three named after mountain ranges. We have **reed bunting**, **rock bunting**, **pine bunting**, **snow bunting** and **corn bunting** – all birds from the same family named after the habitat you are likely to find them in. And guess where you find the **roadside hawk**!

### Their food

Then we have birds named after what they eat, like **fruiteaters**, **seedeaters**, **nutcrackers**, **fish-owls** and **sparrowhawks**.

### Their behaviour

Special behaviours are also used to name birds or families, such as **turnstone**, **woodpeckers** and **leaftossers**; or named for 'characters', like **solitary sandpipers** and **sociable weavers**.

### Their sound

Finally, one of my favourite groups of bird names are the ones that describe the sound the bird makes. One very good example is the cisticola family. In Malta we have the **zitting cisticola**, but in Africa we find many others, like singing, chattering, bubbling, rattling, churring, wailing, winding and croaking cisticolas. So many different words to describe different sounds! Other birds, like the **cuckoo** and the **kittiwake**, have onomatopoeic names that imitate the sound they make. And then there are birds that seem to say words or make sounds we humans make, like the **go-away bird** or the **laughing gull**. The list goes on and on!

I believe that birds and birdwatching helped me expand my vocabulary when I was young, teaching me so many new words. And when I looked them up in dictionaries and later on the Internet, they taught me even more things about the world we live in. I like to believe that birds and birdwatching helped me express myself more creatively when writing my English essays at school.

So when your parents tell you to stop looking at bird books, you can always say you are studying English (and Latin)! Happy birding!



turnstone
Aron Tanti



bee-eater
Aron Tanti



nutcracker

# X'nambuhom l-insetti ?

## Għax mingħajrhom la jkollna **dawn**...



... u lanqas **din**!





# POLLINATORS

Pollination happens when a pollen grain moves from the anther (the male part) of a flower to the stigma (the female part). This is the first step in the production of seeds, fruits and ultimately a new plant. There are different types of pollination, including (but not only) animal-based pollination, and wind pollination.

In animal-based pollination, various animals act as pollinators, including such as small animals like ants, butterflies, moths, flies, beetles, bees, wasps, gnats and spiders, as well as larger animals like reptiles, birds as well as bats and other mammals.





Animal pollinators tend visit the flowers to drink nectar or feed off the pollen itself and in doing so, they transport pollen grains from one flower to another on their bodies, resulting in pollination.  Many flowering plants around us, therefore, rely on this process to grow and reproduce and we rely on them for food production, particularly various fruit and vegetables. In addition to the food we eat, pollinators support healthy ecosystems that clean the air, stabilise the soils and protect from severe weather.















Many pollinator populations are declining in number and this is mainly attributed to severe loss in feeding and nesting habitats. Pollution, disease and climate change all contribute to the loss in pollinator populations or a change in their behaviour which can be detrimental to certain plant species and ultimately also to us.

F A T T I  F A W N A


Victor Falzon

Kaħlani tax-Xagħri
Blue-winged Grasshopper

# il-Ġurat

- Il-ġurat huwa dak l-insett li bl-Ingliż jgħidulu *grasshopper*.
- F'Malta għandna iktar minn 40 speċi ta' ġurati (u grillijiet). Uħud huma komuni, oħrajn rari ħafna. Kważi lkoll jgħixu hawn ħajjithom kollha, ħlief ftit li jpassu minn artijiet oħrajn.
- Il-ġurati nisa spiss ikunu ikbar mill-irġiel.
- Il-ġurati nisa tagħrafhom mill-irġiel għax it-tarf ta' wara ta' ġisimhom jispiċċa għall-ponta, fil-waqt li tal-irġiel ikun aktarx ġej għat-tond u jipponta 'l fuq. In-nisa jużaw il-ponot ta' wara biex iħaffru ħofra fil-ħamrija biex ibidu fiha.
- Iż-żgħar tal-ġurati jixbhu lill-kbar ħlief li jkunu iżgħar, u ma jtirux għax il-ġwienaħ ikunu għadhom mhux żviluppati. Iż-żgħar tal-ġurati ma jagħmlux *pupa* bħall-friefet.
- Wieħed mill-ikbar ġurati ta' Malta huwa l-ġurat tar-raba *(Egyptian grasshopper)*, li jikber sa xi 6.5ċm. Ġurat ieħor kbir huwa l-ġurat rasu twila *(slant-faced grasshopper)*, li jikber sa xi 7ċm.
- Il-ġurati jgħixu biss xi sena.
- Il-ġurati ssibhom f'diversi ħabitati: fis-siġar, fir-raba', fil-ħaxix, fix-xagħri, fil-qasab, fl-isteppa u anke fl-għaram tar-ramel.
- Il-ġurati huma erbivori. Jieklu weraq, fjuri, polin u partijiet oħra tal-pjanti.
- Il-ġurati ma jagħtux is-sikkina, kif għadek tisma' xi nies jgħidu! Il-ponot fuq saqajhom ta' wara forsi jbeżżgħu, imma la jniggżu u lanqas iweġġgħu.
- Il-grillijiet *(crickets)* huma kuġini tal-ġurati. Ġeneralment joħorġu fid-dlam, u minħabba f'hekk għandhom l-antenni itwal minn tal-ġurati.


Desirée Falzon

Buqrun Aħdar
Common Green Bush-cricket



Magħruf għall-fdalijiet ta' għadam ta' annimali tal-Plejstoċeniku jew, kif inhu magħruf aħjar, Żmien is-Silġ. Mijiet ta' għadam ta' iljunfanti, ippopotami, ċriev u ħafna annimali oħrajn ġew skavati minn saffi differenti tal-għar.

Għar Dalam għandu wkoll valur ekoloġiku. Fost ħlejjaq oħrajn, f'Għar Dalam jgħix ħanżir l-art endemiku li ma jinstab imkien fid-dinja ħlief fil-partijiet mudlama ta' dan l-għar.

# Żur Għar Dalam u ltaqa' ma' ħlejjaq ta' żmien ilu!

heritagemalta.mt

Heritage Malta

NATURA 2000